**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 250/2022 AF**

**St. Publius Malta Limited (C-50180)**

**u**

**Peter Knappertsbusch**
**(Karta tal-Identità Germaniza L4MKWLZ2)**

**vs**

**L-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti St. Publius Malta Limited u r-rikorrenti Peter Knappertsbusch, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti giet inkorporata fis-sena 2010 filwaqt li Peter Knappertsbusch huwa cittadin Germaniz u residenti fir-Renju Unit u ghandu licenzja biex joffri 'corporate and trust services' mahruga mill-HMRC (Her Majesty's Revenue and Customs) tar-Renju Unit.

L-awtorità intimata harget twissija fis-sena 2013 (Dok. A) u wara saru diversi laqghat fejn is-socjetà rikorrenti zammet lill-awtorità intimata infurmata b'dak li kienet qed taghmel u bil-mizuri li hadet.

Ghalkemm saru dawn il-laqghat inkluz fil-prezenza tal-avukat tar-rikorrenti Peter Knappertsbusch, ma sar ebda progress anki wara diversi mizuri mehuda mis-socjetà rikorrenti fuq struzzjonijiet tal-istess awtorità.

Qed jinzamm l-istatus quo min-naha tal-awtorità intimata ghal xi raguni mhux maghrufa u dan kellu u ghad ghandu konsegwenzi negattivi u danni fuq is-socjetà rikorrenti u fuq ir-rikorrenti personalment.

Bizzejjed jinghad li mis-sena 2014 sal-lum is-socjetà rikorrenti ma ghamlitx negozju u dan b'konsegwenza diretta tat-twissija mahruga mill-awtorità intimata.

Ghax sar reklam bil-kliem "St. Publius" (Dok. B), l-awtorità intimata regghet harget twissija ohra (Dok. C) u dan zgur minghajr ebda bazi jew prova ta' xi nuqqas daparti tar-rikorrenti.

Kwalunkwe referenza ghal Malta mhijiex illegali u l-atteggjament tal-awtorità intimata huwa inspjegabbli u bla bazi.

L-Awtorità intimata baqghet ma tatx raguni ghalfejn inharget twissija kontra socjetà li ma ghamlitx negozju sa mis-sena 2014 u kontra persuna licenzjata f'pajiz li sa ftit ilu kien membru tal-Unjoni Ewropeja.

Jigi ribadit li l-'website' imsemmija fit-twissija tal-awtorità intimata mhijiex proprjetà tas-socjetà rikorrenti.

Fit-twissija l-awtorità intimata qisu tindika li bhalissa qed jigu offruti servizzi kontra l-ligi mis-socjetà rikorrenti u mir-rikorrenti personalment izda dan mhux minnu u tali insinwazzjoni qed tirreka danni lis-socjetà rikorrenti u lir-rikorrenti personalment.

L-Awtorità intimata kienet u hi obbligata biex tara u tagixxi skond il-ligi u partikolarment skond il-Kapitlu 330 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-mizuri li tiehu ikunu proporzjonati ghax inkella ma jkunux gustifikati.

Ghalhekk b'konsegwenza ta' din l-azzjoni kif ukoll l-inazzjoni li tali twissija ma titnehhiex, is-socjetà rikorrenti u r-rikorrenti personalment gja sofrew u qed isofru danni u issa ghadda bizzejjed zmien biex tigi mnehhija tali twissija.

L-Awtorità intimata qed tirrifjuta li tiltaqa' mar-rikorrenti meta tali awtorità hi r-regolatur u obbligata tagixxi hekk skond il-ligi.

Inoltre dan, l-awtorità intimata kisret ukoll l-obbligu ta' rikonoxximent meta ma rrikonoxxietx l-ezami ta' *fit and proper* tal-ufficcju "Her Majesty's Revenue and Customs" tal-Ingilterra li r-rikorrenti ghandu sa mis-sena 2013 u fil-fatt l-istess awtorità harget twissija pubblika fuq il-bazi li ma kienx hemm *fit and proper* test tieghu f'Malta.

L-Awtorità intimata bl-azzjoni jew inazzjoni taghha, qed tikser il-liberta tal-istabbiliment tar-rikorrenti kif stabbilit mill-artiklu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja (TFEU) billi ccahhdilhom id-dritt li jezercitaw ix-xoghol ta' corporate services provider u harget l-imsemmija zewg twissijiet u baqghet ma nehhithomx anki wara dak kollu li ghamlu r-rikorrenti f'dan ir-rigward.

L-Awtorità intimata baqghet ma nehhitx iz-zewg twissijiet u ma resqitx ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni ghalkemm interpellata biex taghmel dan.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li wara l-hrug ta' twissijiet pubblici mahruga mill-awtorità intimata kontra r-rikorrenti u wara dak kollu li ghamlu r-rikorrenti, ma jezistux u m'ghadx hemm lok li jibqghu fis-sehh tali twissijiet u ghandhom jigu rtirati u dan fi zmien perentorju stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

2. Tiddikjara li ghandha tinhareg il-licenzja lir-rikorrenti ghal *corporate services provider* u/jew kwalsiasi licenzja relatata u dan fi zmien perentorju stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Torna lill-awtorità intimata tirtira t-twissijiet pubblici mahruga kontra r-rikorrenti u dan fi zmien perentorju stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Konsegwentement tordna lill-awtorità intimata tohrog il-licenzja lir-rikorrenti ghal *corporate services provider* u/jew kwalsiasi licenzja relatata u dan fi zmien perentorju stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

5. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew danni, konsistenti f'telf ta' negozju u profitti per konsegwenza taz-zewg twissijiet mahruga mill-awtorità intimata kif ukoll b'konsegwenza tal-inazzjoni taghha, kif ukoll diversi spejjez relatati mal-istess.

6. Filwaqt illi tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendi bl-opera ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lill-awtorità intimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.

Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat u bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg protesti gudizzjarji pprezentati fis-16 ta' Lulju 2019 u fit-13 ta' Mejju 2020 kontra l-

awtorità intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

**Res Judicata**
Il-lanjanza tal-atturi tifforma mertu li già gie mismugh u deciz mit-Tribunal dwar is-Servizzi Finanzjarji, fis-16 ta' Gunju 2021 liema decizjoni tibqa' vinkolanti in vista tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Marzu 2022, u fejn it-talbiet tal-atturi già gew michuda, u kwindi tezisti ir-res judicata.

**Nuqqas ta' gurisdizzjoni**
In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost ai termini tal-artikolu 21(9) tal-Kap. 330, il-gurisdizzjoni sabiex jigu determinati t-talbiet attrici hija vestita ex lege fit-Tribunal dwar is-Servizzi Finanzjarji b'appell quddiem il-Qorti tal-Appell, u kwindi l-atturi ma setghu qatt iressqu l-lanjanzi taghhom quddiem il-Qrati Civili.

**Att Amministrattiv**
Dak li qed jitolbu l-atturi f'din il-kawza jammonta ghal thassir ta' att amministrattiv da parti tal-Awtorità konvenuta, madanakollu tali azzjoni ilha perenti minhabba t-trapass ta' hafna iktar minn 6 xhur ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.

**Mertu**
Ai termini tal-artikolu 29 tal-Kap. 330, l-Awtorità konvenuta u l-ufficcjali taghha huma ezentati minn kull responsabbilità u kwindi kwalunkwe talba ghal dikjarazzjoni dwar danni u hlas ghall-istess hija insostenibbli.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza l-Awtorità kienet gustifikata fl-agir taghha fil-konfront tal-atturi, u agixxiet skond il-ligi u s-setghat lilha moghtija taht l-istess.

In vista tas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi li qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2022 il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi limitatament dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza limitatament dwar l-eċċezzjoni ta' *res judicata*.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi siewi jiġu traċċjati l-fatti u s-sekwenza tal-avvenimenti saljenti li wasslu għal din il-kawża.

St. Publius Corporate Services Limited ġiet inkorporata ġewwa Malta fis-sena 2010. Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti Peter Knappertsbusch huwa reġistrat mal-MFSA bħala CEO u direttur tas-soċjetà rikorrenti.

B'riżoluzzjoni tad-19 ta' Ġunju 2014 is-soċjetà St. Publius Corporate Services Limited biddlet isimha għal St. Publius Malta Limited u dan it-tibdil ġie debitament reġistrat mal-Awtoritajiet ikkonċernati. Mill-atti ma jirriżultax li kien hemm tibdiliet oħra għajr għall-isem tas-soċjetà.

Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti talbet għal-liċenzja sabiex topera fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Ġunju 2016[1] l-MFSA irrifjutat it-talba tar-rikorrenti għar-raġuni illi:

> "*Following an in depth review of the said application, the Supervisory Council did not have sufficient comfort that the registration requirements necessary to approve the issue of a registration certificate to the Company to provide company services would be met due to lack of transparency in disclosing warnings issued by the Austrian Financial Markets Authority against Eurokasse New Zealand Limited, a company where Mr. Knappertsbusch was involved as CEO and director*."

[1] A fol. 47 *et seq*.

U wkoll illi:

> "*We refer to the warnings issued to Mr. Knappertsbusch and his company in relation to licensable activities being conducted without the authorisation of the Authority*."

Minn qari ta' dawn is-siltiet mid-deċiżjoni tal-MFSA huwa evidenti li l-MFSA qieset lis-soċjetà rikorrenti u lir-rikorrenti Mr. Knappertsbusch bħala ħaġa waħda u tat id-deċiżjoni tagħha fir-rigward tat-tnejn. B'dik id-deċiżjoni fil-fatt, sia s-soċjetà rikorrenti kif ukoll Mr. Knappertsbusch huma preklużi u projbiti milli joperaw fis-settur.

Huwa a propożitu tad-deċiżjoni tal-MFSA tat-18 ta' Marzu 2016 illi segwew azzjonijiet legali ulterjuri. Fil-fatt, jirriżulta li r-rikorrenti appellaw minn din id-deċiżjoni u t-Tribunal Dwar is-Servizzi Finanzjarji ta d-deċiżjoni tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2021 fejn essenzjalment ċaħad l-appell tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li fid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Marzu 2022 astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell wara li osservat illi t-Tribunal kien prekluż milli jitratta l-kwistjoni tar-rifjut tal-konferma tal-avviż mogħti lis-soċjeta' rikorrenti mill-MFSA u għalhekk ir-rikorrenti kienu preklużi milli jappellaw mid-deċiżjoni tat-Tribunal.

Fid-dawl tad-deċiżjoni u tal-osservazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Marzu 2022, dan il-Qorti hija tal-fehma illi d-deċiżjoni li torbot lir-rikorrenti hija dik tat-18 ta' Marzu 2016 kif mogħtija mill-MFSA fil-konfront kemm tas-soċjeta' St Publius Malta Limited kif ukoll tad-direttur u CEO tagħha, ir-rikorrenti Mr. Knappertsbusch.

Dwar l-eċċezzjoni preliminari, u cioè dik ta' *res judicata*, in tema legali jiġi osservat illi din l-eċċezzjoni hija radikata fl-interess pubbliku, maħsuba sabiex tħares iċ-ċertezza ta' jeddijiet li jkunu diġà ġew determinati b'sentenza. Fl-istess waqt din l-eċċezzjoni tagħmilha aktar diffiċli illi jingħataw sentenzi konfliġġenti dwar l-istess materja, jew agħar minn hekk li jitħallew miftuħha

kwistjonijiet li jservu ta’ dannu għal dawk id-drittijiet ġa determinati b’sentenza.

Meta l-Qorti tiġi biex teżamina l-eccezzjoni ta’ *res judicata*, kif ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-14 ta’ Novembru, 2007, fl-ismijiet Martin Gauci et v. K.M.L. Manufacturing Limited:

> *“Ma jidhirx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi, kif jissokta jinghad, b’citazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta’ Palermo (3 ta’ Marzu 9 ) “la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti più o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata” Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tal-5 ta’ Novembru 1934 in re: “Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et” mil-liema din is-silta hi mehuda. Taghlim dan riaffermat b’ appro azzjoni fis-sentenza ta’ l-istess Qorti tal- ta’ Ottubru 992 fil-kawza fl-ismijiet “Dottor Jose` Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine*.”

Dan minħabba l-eċċezzjonalità tagħha li xxellef il-principju li l-ġudikat jagħmel stat għal kull effett ta’ liġi bejn il-partijiet.

F’materja ta’ ġudikat sabiex jiġi determinat jekk dan kienx jeżisti f’ġudizzju preċedenti jeħtieġ li jiġu sodisfatti tliet rekwiżiti oġġettivi li jridu jikkonkorru:-

i. *eadem res*, jiġifieri l-identita’ ta’ l-oġġett tal-ġudizzju;

ii. *eadem causa petendi*, jiġifieri l-fatt ġuridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;

iii. *eadem personae*, jiġifieri, li l-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalità.

Għandu jingħad illi dawn it-tlett elementi huma kumultattivi u mhux alternattivi għal xulxin bil-konsegwenza illi jekk jirriżulta

nieqes imqar wieħed mill-elementi, tapplika l-massima legali *nisi omnia concurrunt, alia res est*.

Sabiex din l-eċċezzjoni titmexxa b'suċċess huwa imperattiv illi ċ-ċirkostanzi fil-kawża li għaddiet in ġudikat ikunu identiċi għal dawk tal-kawża riproposta. Jekk jirriżulta tibdil fiċ-ċirkostanzi ma jkunx possibbli li tintlaqa' l-eċċezzjoni u l-kawża tkun tista' terġa tiġi riproposta mingħajr xkiel. Il-prinċipju kardinali jibqa' dejjem dak illi f'każ ta' dubju l-eċċezszjoni trid tiġi miċħuda.

Rigward l-*eadem res*, din timplika li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk wieħed għandu jeżamina jekk il-pretensjonijiet imressqa permezz ta' l-azzjoni attriċi ġewx deċiżi jew le minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Jingħad dan għaliex m'għandux ikun hemm ostakolu għal kawża li fiha jkun qiegħed jintalab xi ħaġa differenti minn dak li jkun intalab fis-sentenza preċedenti. Għandu jingħad ukoll illi dak illi jeħtieġ jiġi stabbilit huwa jekk l-oġġett tat-talba huwiex identiku u dan għaliex anki jekk l-oġġett huwa simili fiż-żewġ kawżi, dan il-fattur m'għandux ixekkel il-prosegwiment tal-kawża.

Fi ftit kliem dak illi jirrikjedi dan l-element huwa li jiġi meqjus jekk il-punt sollevat fil-kawża l-ġdida kienx diġa trattat u deċiż fil-kawża preċedenti.

Riferibbilment għall-każ ta' llum, il-kwistjoni ċentrali hija l-awtorizazzjoni u l-liċenzja favur ir-rikorrenti sabiex topera fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Din il-kwistjoni diġà ġiet trattata u deċiża fit-18 ta' Marzu 2016 kif konfermata mit-Tribunal fis-16 ta' Gunju 2021.

Il-Qorti tqis għalhekk bħala debitament sodisfatt l-ewwel element tal-azzjoni.

Rigward l-*eadem causa petendi*, dan l-element jirrikjedi li l-kawżali tat-talba l-ġdida tkun ibbażata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba li diġa ġiet trattata u deċiża. Ta' rilevanza f'dan ir-rigward huwa dak illi osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Marzu

2000 fl-ismijiet Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri. Ingħad hekk:

> *"Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità tal-motivi tal-'causa petendi'. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" - FGC. 4 ta' Gunju 1999**).*
>
> *Illi fis-sentenza "**Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine**" (**Ap. 6 ta' Marzu 1950 - XXXIV.I.74**) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (**Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p.818**).*
>
> *L-istess inghad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli**' (Ap. 27 ta' April 1953) u cioè li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato**' (**Ap. 2 ta' Marzu 1956 - XL. I. 65**) 'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizzjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament'. L-istess gie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' - 11 ta' Gunju 1956 - XLB. 1. 555**)."*

Il-Qorti tqis pjenament sodisfatt anki t-tieni element tal-azzjoni u dan peress illi l-kawżali fit-talba odjerna huma mpernjati fuq l-istess fatt ġuridiku li kien il-mertu tat-talbiet ġa trattati u deċiżi u konfermati mit-Tribunal dwar is-Servizzi Finanzjarji.

L-aħħar element tal-azzjoni jirrikjedi li s-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tkun bejn l-istess persuni bħal dawk fil-kawża riproposta. F'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju illi s-sentenzi għandhom effett unikament *inter partes*. Dan ifisser illi jekk parti ma kinitx parteċipi jew rappreżentata fil-kawża li għaddiet in ġudikat ma jistax jingħad illi hija marbuta b'dik id-deċiżjoni.

F'dan il-każ ir-rikorrenti jistriehu fuq il-fatt illi r-rikorrenti fil-kawża odjerna u cioè Peter Knappertsbusch ma kienx personalment parteċipi fil-proċeduri li ppreċedew il-kawża ta' llum. Dan l-argument assolutament ma jreġix għaliex minn qari tad-deċiżjoni kif mogħtija huwa bl-aktar mod evidenti illi dik id-deċiżjoni ngħatat sia fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti kif ukoll fil-konfront ta' Knappertsbusch. Lanqas ma jreġi l-argument li l-fatt tal-bidla fl-isem tas-soċjeta' rikorrenti joħloq personalità ġuridika separata. Apparti l-fatt illi għajr għal bidla fl-isem ma kien hemm ebda tibdil ieħor sinifikanti, huwa bil-wisq evidenti illi s-soċjeta' rikorrenti u dik bl-isem St Publius Corporate Services Limited huma l-istess soċjetà li topera fl-istess settur, toffri l-istess servizzi u hija mmexxija mill-istess persuna u cioè Peter Knappertsbusch.

Sodisfatti t-tlett elementi li jsawwru l-eċċezzjoni, il-Qorti tqis l-eċċezzjoni bħala mistħoqqa. Konsegwentement, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni waqt illi tastejni mili tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari u tiddikjara l-azzjoni bħala milquta' mill-eċċezzjoni ta' *res judicata*. Konsegwentement, qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG